**DIPARTIMENT TAD-DWANA**
**XATT LASCARIS**
**VALLETTA VLT 1920. MALTA**

**CUSTOMS DEPARTMENT**
**LASCARIS WHARF**
**VALLETTA VLT 1920. MALTA**

**DIRECTOR EXCISE**
**TEL: (356) 25685 153**

**Our Ref:**
**Your Ref:**

16 ta' Diċembru 2014

## AVVIŻ LILL-IMPORTATURI TAL-INBID

Mill-1 ta' Jannar 2015, skond kif mitlub mill-liġi u skond kif imħabbar fil-baġit li għaddha, il-gvern se jgħolli r-rata tas-sisa fuq l-inbid minn 0 għal 20 ċenteżmu ta' Ewro kull litru.

It-taxxa tas-sisa se titħallas fuq l-inbid kollu, madankollu bħala miżura ta' kontroll l-importaturi se jkun mistenni minnhom li jwaħħlu strixxa/bolla tat-taxxa tas-sisa fuq fliexken/kontenituri tal-inbid b'volum ta' 50 ċentilitru jew aktar biss.

Dawn l-istrixxi/bolol tas-sisa għandhom jitwaħħlu fuq il-fliexken/kontenituri li fuqhom tkun tħallset is-sisa qabel dawn joħorġu fis-suq.

L-importaturi huma avżati li biex in-negozju f'dan iż-żmien festiv ma jkunx disturbat, u biex din il-miżura jkollha l-anqas impatt possibli fuq l-i*stakeholders* kollha, fl-istess ħin li nassiguraw li l-implimentazzjoni ta' din il-miżura tkun effettiva, id-Dipartiment tad-Dwana qiegħed jesiġi dan li ġej:

i. Dawk l-importaturi tal-inbid li jridu japplikaw għal *tax warehouse* għandhom minnufih jagħmlu kuntatt mad-Dipartiment tad-Dwana, Sezzjoni tas-Sisa, biex ikun jista' jinbeda il-proċess ta' reġistrazzjoni, filwaqt li dawk li huma diga' liżenzjati bħala *tax warehouse* għall-ispirti għandhom jindikaw lid-Dwana, jekk mhux diġa' awtorizzati, li bi ħsiebhom jinkludu wkoll l-inbejjed fit-*tax warehouse* tagħhom.

ii. L-importaturi għandhom sa mhux aktar tard mit-8 ta' Jannar 2015 jissottomettu lid-Dipartiment tad-Dwana, Sezzjoni tas-Sisa, *stock report* dettaljat separat, kemm ta' dak l-inbid kollu li fil-31 ta' Diċembru 2014 kien rilaxxat għall-konsum u li kien għadhu fil-pussess tagħhom, kif ukoll dak l-inbid kollu li fil-31 ta' Diċembru 2014 kien maħżun fil-maħzen tas-sisa u għadhu mhuwiex rilaxxat għall-konsum.

iii. Dawn l-i*stocks* imsemmija hawn fuq għandu jkun identifikat lid-Dwana f'liema kontenituri huwa pakkeġġjat skond il-litraġġ u dan biex id-Dwana tkun tista' tforni lill-importaturi bl-ammont ta' strixxi/bolol tas-sisa meħtieġa. Dawn l-istrixxi/bolol tas-sisa għandhom jiġu mwaħħla fuq il-flieken/kontenituri sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2015.

iv. Mill-1 ta' Jannar 2015, kull inbid li jasal Malta irid jiġi dikjarat lid-Dwana u tinħariġlu strixxa/bolla tat-taxxa tas-sisa irrispettivament jekk dan jiġix rilaxxat minnufih għall-konsum jew imdaħħal fil-maħżen tas-sisa. Huwa importanti li kull flixkun/kontenitur li jasal Malta wara l-1 ta' Jannar 2015 u jinħareġ għas-suq lokali, ikun immarkat fiskalment.

v. Mill-1 ta’ Frar 2015 sat-30 ta’ April 2015, id-Dipartiment tad-Dwana se jkun qiegħed għaddej b’kampanja, maħsuba biex tolqot il-prodott kollu li jinsab għand ir-retailers, bars, lukandi, ristoranti, supermarkets, grocers, confectioneries, każini eċċ, u li kien għandhom qabel ma ddaħħlet din il-miżura, ħalli dan ikun immarkat ukoll bl-istrixxi/bolol tas-sisa.

vi. Mill-1 ta’ Mejju 2015 se titnieda kampanja ta’ infurzar u kull prodott li jinstab fis-suq mhux immarkat fiskalment jiġi miġbur u jistgħu jittieħdu passi legali kontra kull min ikun qed jikser il-liġi.

vii. Id-Dipartiment tad-Dwana javża illi b’effett immedjat l-uffiċċju tiegħu fis-Sezzjoni tas-Sisa (Tel 25685200) qiegħed jestendi is-servizzi li joffri lill-i*stakeholders* anki nhar ta’ Sibt bejn it-8am u nofsinhar. Dan hu l-uffiċċju, fost dmirijiet oħra, minn fejn l-i*stakeholders* ikunu jistgħu jakkwistaw l-istrixxi/bolol tas-sisa.

Joseph Chetcuti
Direttur għas-Sisa
Għan-nom tad-Direttur Ġenerali (Dwana)